MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 1674/2010

**Carmel sive Charles Zahra (K.I. 197558M)**
**Vs**
**Kunsill Lokali ta' l-Imtarfa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz, pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu l-attur ppremetta illi nhar l-24 ta' Frar 2010 impjegati ufficjali jew persuni nkarigati mill-Kunsill Lokali ta' Mtarfa ("Kunsill"), fuq struzzjonijiet ta' l-istess kunsill, kienu qed jagħmlu xoghol ta' qtugh ta' haxix fid-driveway privata ta' l-atturi, f'"Cartref", Mtarfa Road, Mtarfa u b'negligenza u /jew nuqqas ta' kompetenza fl-ezercizju tax-xoghol taghhom, persuni responsabbli, kkawzaw dannu fuq vettura ta' l-atturi u cjoe fuq il-vettura tat-tip Mazda 323 b'numru tar-registrazzjoni FBC085 u dan billi ttajru oggetti fuq il-istess vettura waqt il-qtugh tal-haxix; Illi l-atturi rraportaw l-incident dak inhar stess lill-kunsill illi kien ser jigi investigat il-kaz; Illi kien hemm diversi korrispondenza bejn il-partijiet md-data ta' l-incident 'l

quddiem, madankollu l-atturi baqghu ma nghatawx rimedju sodisfacenti u dan nonostante illi gew riferiti diversi ufficji differenti tul ix-xhur; Illi l-ammont dovut lill-atturi wara li saret il-valutazzjoni tad-dann
i kkagunati fuq il-karozza permezz ta' dan l-incident ma jaccediex €1563.00. Ghaldaqstant, l-atturi, jitolbu bir-rispett illi dan it-Tribunal jogghbu:
1. Jiddikjara illi l-kunsill huwa responsabbli mid-danni kkagunati fuq il-karozza ta' l-atturi;
2. Jiddikjara illi l-ammont ta' €1563.00 huwa dovut mill-konvenuti a favur tal-atturi; u
3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu a favur ta' l-atturi s-somma ta' €1563.00
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta, pprezentata fit-22 ta' Dicembru, 2010, tal-konvenut Kunsill Lokali ta' l-Imtarfa li eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Kunsill intimat ma kkawza l-ebda hsara fil-vettura in kwistjoni; salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Rose Zahra u Charles Zahra, Kurt Gulliamer, Anton Vella, Michael Portelli u Simon Paul Fenech

Jirrizulta mix-xhieda tal-konjuigi Zahra li l-incident sehh nhar l-24 ta' Frar 2010 fi trejqa, Mtarfa Road, Mtarfa. Wara li l-attrici giet mix-xoghol hi sabet il-karozza taghha mimlija haxix u bi grif. Dak il-hin stess cemplet lill-Kunsill tal-Imtarfa u tkellmet ma' Michael Portelli – is-Segretarju Ezekuttiv li nfurmha li ser jindaga u jerga' lura.

Hareg illi l-konjugi Zahra jirrisjedu fi proprjeta' gewwa trejqa ossia *drive-in* li ghalkemm accessiblli ghall-pubbliku jidher li huwa konsiderat ukoll privat. Hareg ukoll illi darbtejn jew aktar fis-sena l-haxix fit-toroq kien jitnaddaf mill-Kunsill u li skont il-konjugi Zahra dawn kienu jidhlu fid-*drive-in* u jaqtghu l-haxix "bona volonta'" taghhom. Meta kienu se jaqtghu l-haxxix, kienu jinfurmawhom biex jnehhu l-karozzi. Pero' din is-sena l-konjugi Zahra ma gewx infurmati u waqt li kienu x-xoghol il-haxix inqata' u, skont huma, intlaqtet il-vettura taghhom

Mazda Griza b'dak illi kellhom d-danni fl-ammont ta' elf hames mija u tlieta u sittin ewro (€1563.00)[1].

Wara li baghtet ittra (ara folio 16 tal-process) kienu gew id-dar taghha S-Sindku u il-Vici Sindku u tkellmu mar-ragel taghha. Illi saru diversi skambji, l-atturi tkellmu ma' diversi membri tal-Kunsill Lokali fosthom Simon Fenech, il-Vici Sindku u anke Kurt Gullaimier. Kien hemm skambji ta' korrispondenza. Rose Zahra stqarret ukoll li l-Vici Sindku kien ammetta maghhom li kienu ghamlu x-xoghol; u dan stajt tikkonfermah mill-karrozza stess u il-haxix mal-karozza. Dakinhar kien hemm haxix kullimkien linehhiethu hi stess.

Il-Kunsill tal-Imtarfa m'accettax responsabilta' ghax skont ittra mibghuta minn certu Micael Portelli li ffirma bhala Segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imtarfa, liema ittra ma fiha l-ebda data pero' li tidher li ntbaghtet b'risposta ghall-ittra ta' l-atturi datata nhar is-26 ta' Frar 2010, a) rapport immedjat u/jew rapport lil pulizija ma sarx; b) il-bicca ta' art fejn sar ix-xoghol huwa privat; c) u li ma sar ebda identifikazzzjoni ta' min qatta' l-haxxix.

**Kurt Gullaimier** li dak iz-zmien kien l-Agent Segretarju Esekttiv tal-Kunsill ma setghax jikkonferma x'gara ghaliex meta gara l-incident ma kienx fil-kumitat. Pero' qal li l-Kunsill kellu tliet (3) ex-haddiema tad-dockyard li jaghmlu dan ix-xoghol. Ikkonferma ukoll li l-Kunsill kellu zewg kuntratturi mqabbdin minnu li jistghu jaghmlu dan ix-xoghol ukoll. Ikkonferma li l-Kunsill kien ha decizjoni li ma kienx hemm bizzejjed evidenza li juri li huma kienu responsabbli ghal dak li gara. Sar jaf ukoll illi dakinhar inqata l-haxix fl-Imtarfa pero' ma kienx jaf fejn (ara fol 52). Indika ukoll illi l-atturi qatt ma talbuh informazzjoni dwar il-kuntratturi l-ohra mqabbdin biex jaghmlu dan it-tip ta' xoghol.

**Anton Vella** xehed ukoll li ma kienx involut u rigward il-gurnata tal-incident ma kienx jaf min baghat il-haddiema.

[1] ara dok BCZ4, a folio 7 tal-process, u ara r-ritratti, a folio 16 sa 23.

Mir-ritratti esebiti tax-xoghol li sar darb’ ohra wara l-incident f’Jannar 2010 (ara fol 14), indika illi dawn kienu tal-kuntrattu
ri mqabbdin minnhom. Indika li l-kuntratturi kienu IPSL limited.

**Michael Portelli,** Segretarju Ezekuttiv fil-kunsill lokali, kkonferma illi hu gieli baghat nies fuq l-*area* in kwistjoni biex iqattghu l-haxxix. Kien anke mar fuq is-sit u ha il-haddiema tal-Kunsill, pero’is-Sur Zahra ma setghax jiddentifika l-haddiema. Fir-rigward tal-hsarat fuq il-vettura qal: jien *ma rajtx il-hsara - kien hemm titjir zghir.* (ara ukoll l-ittra ta’ Michael Portelli, a folio 17).

**Simon Paul Fenech** li ddikjara illi l-area in kwistjoni hija *private road* u kienu r-residenti stess li kienu jitolbu li l-haxix jitqatta’. Kien hu repsonsabbli li jibaght in-nies iqattghu il-haxix pero’ innega li dakinar kien ordna li jmorru n-nies iqattghu l-haxix. (ara il-konfront bejn Simon Paul Fenech u Charles Zahra).

**Andrew Bondin,** haddiem tal-Kunsill, iddikjara li hu kien iqatta’ l-haxix pero’ dik il-gurnata kien barra bis-*sick leave*. Pero’ kkonferma li kienu jmorru jqattghu l-haxix fid-*drive-in* in kwistjoni xi darbtejn jew tlieta u li kienu jibghatuhom il-Kunsill, pero’ meta kienu jqattghu l-haxix kienu jhabbtu lin-nies biex inehhu l-karozzi. Dan gie kkonfermat ukoll minn **Joseph Spiteri** haddiem tal-Kunsill li ddikjara li biex jqattghu l-haxxix kellhom bilfors jircievu ordinijiet - kien jibaghthom is-Segretarju tal-Kunsill u mhux Simon Paul Fenech. Hu ddikjara li ma jiftakarx li mar hemm fi Frar 2010. Gieli marru fi *drive-in* ta’ Zahra meta kien jibghathom is-Segretarju.

**Ikkunsidera :**

Illi din hija kawza ghall-danni materjali allegatament kawzati, fuq il-vettura proprjeta’ tal-atturi, mill-Kunsill konvenut ossia nies mqabbdin mill-Kunsill konvenut.

**Provi**

It-Tribunal irrid jikkunsidra l-provi li gew upprezentati lilu a bazi tal-principju "*ei incumbit probatio qui dicit non e qui negat*." Ghalhekk jinkombi fuq l-atturi li jgibu prova ta' dak li qieghed jallega fl-Avviz taghhom.

Illi pero' kawza civili hija differenti ghal kollox minn kawza kriminali u huwa principju ben konoxxut illi l-prova tal-htija ta' konvenut ghandu jkun fuq bilanc ta' probabilitajiet. It-Tribunal ghandu jikkunsidra ukoll jekk id-danni reklamati mill-atturi kienu rizultat dirett tal-agir tal-Kunsill konvenut u ghalhekk iried jigi ppruvat ness kazwali bejn l-agir tal-Kunsill konvenut u d-danni kawzati. Dan skontil-principju li kull persuna trid thallas ghall-ghemil taghha.

Illi l-prova fundamentali f'din il-kawza ma tistax tohrog mix-xhieda tal-atturi ghaliex dakinhar meta sehhu il-hsarat l-atturi ma kienux id-dar u ghalhekk ma rawx min qatta' l-haxix. Illi pero ma giex ikkontestat li dakinhar tqatta' l-haxix u lanqas li l-hsarat saru minhabba x-xoghol tat-tnehhija tal-haxix.

Il-pern tal-kwistjoni ghalhekk hija l-kwistjoni tar-responsabilta' tal-Kunsill fl-incident. Min-naha l-konjugi atturi li qeghdin jghidu illi l-Kunsill minn dejjem kien jibghat in-nies iqattghu il-haxxix f'din it-trejqa (anke jekk din hi privata) u li l-atturi xehdu bil-gurament li dakinhar tqatta' l-haxix u saru hsarat fuq il-vettura taghhom. Min-naha l-ohra il-Kunsill iddikjara li n-nies li ghamlu ix-xoghol ma gewx identifikati w anke m'assenjawx haddiema biex jaghmlu dak ix-xoghol, ma sarx rapport immedjat (li m'huwiex minnu)[2] , li ma sarx rapport mal-pulizija.

Illi pero' mill-evidenza li ngabret hadd mir-rapprezentati tal-Kunsill, taht gurament, kien cert dwar il-fatt li ma kienux in-nies taghhom li qattghu l-haxix fid-*drive-in* dakinhar u li setgha kien il-kuntrattur mqabbad minnhom.

It-Tribunal invista tal-evidenza m'ghandux dubju li dakhinar tqatta' l-haxix u li dan ix-xoghol ma setghax isir minn terz kwalunkwe imma minn haddiema diretti tal-

---

[2] Ara Rose Zahra li ddkjarat li meta marret id-dar irraportat l-incident lill-Kunsill

Kunsill jew kuntratturi mqabbdin mill-Kunsill u fuq inkarigu ta’ l-istess Kunsill li jaghmlu dan ix-xoghol. It-Tribunal ihoss ukoll illi dan jkun sar fuq ordni tal-Kunsill anke jekk mhux daqstant formali ghaliex dan ix-xoghol jaqa’ taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill.

L-atturi ssottomettew id-duttrina Ingliza ta’ *Res Ipsa Loquitur* jgifieri li ghalkemm in-norma hawn fuq citata hija li min jallega ghandu jgib il-prova, f'certi kazijiet mhux mehtieg li l-attur jipprova t-traskuragni jew repsonsablita’ da parti tal-konvenut billi fil-ligi jista' jirrizulta mill-istess natura tal-incident li l-konvenut kien responsabbli civilment ghall-akkadut. Inoltre, mhux bizzejjed biex titwarrab din id-duttrina li l-konvenut jghid li m’ghandux spejagazzjoni dwar kif u jekk l-incident jew inkella li nesa’ jew li m’ghandux *records* kif inhu fil-kaz odjern.[3]

L-evidenza mill-kunsill kienet wahda vaga ghall-ahhar - ir-rapprezentanti tal-Kunsill li dehru quddiem it-Tribunal kollha kienu jafu li kien jitqatta’ l-haxix f’dan il-post pero’ hadd donnu kien jaf x’gara dakinhar. Kurt Gullaimier li ma kienx fuq il-Kunsill meta sar l-incident dar ir-rekords u kien jaf li l-haddiema tieghu marru jqattghu l-haxix imma fejn ma kienx jaf; Simon Pace ddikjara illi fuq talba tal-atturi kien jaghti l-ordni hu imma li ma kienx hu li baghathom dakinhar u li s-soltu kien jibaghthom hu. L-impjegat Joseph Spiteri qal: *ma niftakarx illi konna morna f’dawn iz-zmieniejiet li qed tghid inti cioe Frar 2010,* pero’ ddikjara li kieku kien hu zgur kien ihabbat fuq id-dar tan-nies biex inehhu l-karozzi taghhom u jekk ma jaghmlux hekk ma kienux jqattghu l-haxix.

Hareg car pero’ li anke jekk kienet issir talba da parti tal-atturi biex jitqatta’ l-haxix ix-xoghol kien isir u kien isir min-nies ingagati mill-Kunsill u fuq inkarigu taghhom. Donnu li l-Kunsill ried jistrieh fuq in-nuqqas t’ informazzjoni u dizorganizzazjoni tieghu f’din il-kawza. Jekk infatti kien jaf bic-cert illi ma kienux il-haddiema tieghu w allura kellu jaghmel talba ghall-kjamat in kawza skont il-ligi u jissejjah

[3] Alfred Shead vs Antony Degiorgio, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru 1984

lill-kuntratturi mqabbdin minnu fil-kawza bhal ma huwa l-obbligu skont ir-regoli fil-legislazzjoni sussidjara tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghir[4]. B'din il-posizzjoni u bin-nuqqas ta' kjarezza poggew l-atturi f'posizzjoni fejn lanqas setghu jiehdu passi kontra l-kuntratturi l-ohrajn. Illi ghalhekk dan ipoggi dubbju fuq id-difiza taghhom li ma kienx fil-fatt haddiema minn taghhom.

Illi fil-verita' l-Kunsill lokali m'adoperax il-prudenza kif rikjesta mill-ligi f'din il-kwistjoni ghaliex malli sar jaf li kien hemm ilment messu sejjah il-kuntratturi involuti biex jaghtu rendikont tax-xoghol li ghamlu dakinhar u mhux isemmuhom b'mod legger fil-kawza bhala difiza biex joholqu dubju. Illi dan huwa kaz civili, t-Tribunal m'ghandux jkun f'posizzjoni fejn ma ghandux dubbju 'mma li fuq bilanc ta' probabilitajiet kien hemm htija da parti tal-Kunsill. Ghallhekk anke jekk dakinhar ma sarx rapport lill-pulizija, t-Tribunal ihoss illi l-grad probatorju gie milhuq li l-provi li gab il-Kunsill ma nehhiex is-susspett minn fuq l-impjegati taghhom u jew anke il-kuntratturi mqabbdin minnhom (jekk kien il-kaz mill-post tal-incident). Ghalhekk kien hemm negligenza u li minhabba dan gew ikkagunati hsarat fuq il-vettura tal-atturi.

**Danni**

Fir-rigward tad-danni riklamati l-atturi pprezentaw stima minn Kingston garaxx (ara dok BCZ4, a folio 7 tal-process) liema stima mhiex mahlufa. Pero' fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2012, l-avukat difensur tal-Kunsill Lokali Mtarfa accetta illi l-istima kienet wahda awtentika u li ma hemmx ghalfejn jittella' l-*panel beater.* Mill-istima msemmija hawn fuq jirrizulta li d-danni li gew ikkagunati

[4] Regola 6(2) tal-Legislazzzjoni sussidjarji 380.1*6. (1) Jekk il-konvenut jidhirlu li ghandu jkun hadd iehor li jhallas it-talba, huwa ghandu jindika fir-risposta tieghu min hi dik il-persuna l-ohra li ghandha thallas it-talba kollha jew parti minnha.*
*6(2)*(2) *Il-konvenut ghandu permezz tat-Tribunal jinnotifika lil terzi*

- *b'kopja tat-talba; u*
- *b'kopja tar-risposta tiegħu; u*
- *b'avviż lil terzi; u(d) b'formola g]al risposta vojta.*

fuq il-vettura tal-atturi jammontaw ghas-somma t' elf hames mija u tlieta u sittin ewro (€1563).

**DECIZJONI**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-atturi fl-ammont ta' elf hames mija u tlieta u sittin ewro (€1563) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------